EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0498/I (Italy)

Abbozz ta’ Liġi dwar ir-regoli tal-provvista tas-servizzi tal-internet għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni u l-aċċess liberu għall-utenti (AS 2484).

Data tal-wasla : 24/10/2017
Tmiem tal-Waqfien : 25/01/2018 (26/02/2018)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 02832
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2017/0498/I

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma’ jiftaħx il-perijodi ta’ dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201702832.MT)
1. MSG 002 IND 2017 0498 I MT 24-10-2017 I NOTIF

2. I

3A. MINISTERO DELLO SVILUPPO ECONOMICO
Direzione generale per il mercato, la concorrenza, il consumatore, la vigilanza e la normativa tecnica
Divisione XIII - Normativa tecnica
00187 Roma - Via Sallustiana, 53
tel. +39 06 4705.5430 - .5340 - e-mail: ucn98.34.italia@mise.gov.it

3B. MINISTERO DELLO SVILUPPO ECONOMICO
Ufficio Legislativo
Roma

4. 2017/0498/I - SERV60

5. Abbozz ta’ Liġi dwar ir-regoli tal-provvista tas-servizzi tal-internet għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni u l-aċċess liberu għall-utenti (AS 2484).

6. Servizzi ta’ aċċess għall-internet; softwer u kontenut diġitali.
Tagħmir terminali tal-komunikazzjoni.

7. - L-abbozz ta’ liġi, minbarra r-rekwiżiti għall-provvista tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika li mhumiex espliċitament previsti mir-Regolament (UE) 2015/2120, jinkludi speċifikazzjonijiet tekniċi tat-tagħmir terminali maħsub biex jiġi konness b’mod dirett jew indirett man-netwerk pubbliku skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/63/KE.

8. L-Abbozz ta’ Liġi jinkludi 6 artikoli.
L-Artikolu 1 jinkludi d-definizzjonijiet użati għall-applikazzjoni tal-liġi;
L-Artikolu 2 jistabbilixxi rekwiżiti ta’ kwalifika tas-servizzi ta’ aċċess jew ta’ konnettività għall-internet u speċifikazzjonijiet relattivi għall-kontenut tad-dokumentazzjoni kuntrattwali li għandha tiġi pprovduta lill-utenti ta’ dawn is-servizzi.
L-Artikolu 3, skont il-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2015/2120, jistabbilixxi regoli dwar il-limiti tal-ġestjoni tat-traffiku; jirregola l-provvista min-naħa tal-operaturi tas-servizzi tal-aċċess għall-internet, ta’ servizzi b’valur miżjud ta’ prijoritizzazzjoni tal-klassijiet tat-traffiku fis-segment tan-netwerk ta’ aċċess tagħhom u l-iffissar tal-prezzijiet ta’ dawk is-servizzi; il-proċeduri li għandhom jiġu adottati f’każ ta’ ħsara fl-integrità jew fis-sigurtà tan-netwerk tal-internet jew fis-servizz jew fit-terminal ta’ utenti oħra kkawżat mit-traffiku ta’ utent aħħari ieħor tal-istess operatur; jistipula li l-Awtorità għall-Garanzija tal-Komunikazzjoni għandha tistabbilixxi livelli minimi tal-kwalità tas-servizz li għandhom jiġu rrispettati u rreklamati b’mod xieraq mill-forniturі tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika.
L-Artikolu 4 jirregola d-dritt tal-utenti li jagħżlu s-softwer onlajn u li jneħħu s-softwer u li jneħħu mit-tagħmir tagħhom kontenut li mhuwiex ta’ interess għalihom; jipprojbixxi lill-maniġers tal-pjattaformi milli jillimitaw jew jikkostringu dawn id-drittijiet għax-xiri jew l-użu ta’ ċertu softwer, kontenut jew servizzi permezz ta’ strumenti kuntrattwali, teknoloġiċi, ekonomiċi jew tal-esperjenza tal-utent.
L-Artikolu 5 jistabbilixxi regoli ta’ trasparenza, li jeħtieġu li l-forniturі ta’ netwerks jew ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika jippubblikaw, fi żmien tletin jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi, fuq il-websajt tagħhom, fit-taqsima tat-trasparenza tal-prezzijiet, l-offerti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikoli 2 u 3.
L-Artikolu 6 jistabbilixxi s-sanzjoni dixxiplinari għal każijiet ta’ ksur tal-obbligi imposti mill-abbozz ta’ liġi.

9. L-ispeċifikazzjonijiet, il-limitazzjonijiet u rekwiżiti oħra stabbiliti fl-abbozz ta’ liġi notifikat huma maħsuba biex jirregolaw il-forniment tas-servizzi tal-internet sabiex jiġu protetti l-kompetizzjoni u l-libertà tal-aċċess tal-utenti.

10. Referenza għat-testi bażiċi: Digriet Leġiżlattiv tad-9 ta’ April 2003, Nru 70: L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE;
Digriet Leġiżlattiv tal-1 ta’ Awwissu 2003, Nru 259 - Art. 25 u Art. 98: annessi;
Digriet Amministrattiv tal-31 ta’ Jannar 2007, Nru 7 konvertit b’emendi, mil-Liġi tat-2 ta’ April 2007, Nru 40 - Art. 1: Anness;
Digriet Leġiżlattiv tas-6 ta’Settembru 2005, Nru 206 - Art. 22 u Art. 27(1): annessi;

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspetti OTK

Iva

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

****
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta’ kuntatt (UE) 2015/1535



EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Fax: +32 229 98043
email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu